

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16430/25

TELECOM 459
DIGIT 263
COMPET 1300
CYBER 366

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15143/1/25 REV 1

Suġġett: Konklużjonijiet dwar il-Kompetittività Ewropea fid-Deċennju Diġitali
– Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Diċembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kompetittività Ewropea fid-Deċennju Diġitali kif approvati mill-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2025.

IL-KOMPETITTIVITÀ EWROPEA FID-DEĊENNJU DIĠITALI

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- Fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali,
- Fid-Dikjarazzjoni Ewropea tat-23 ta' Jannar 2023 dwar 'Id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali',
- Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 dwar 'Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika',
- Fir-Rapport Niinistö tal-20 ta' Marzu 2024 'Aktar Sikuri Flimkien: Perkors lejn Unjoni mħejjija għal kollox',
- Ir-Rapport Letta tas-17 ta' April 2024 'Much more than a market: Speed, Security, Solidarity (Ħafna aktar milli suq: Rapidità, Sigurtà, Solidarjetà)',
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' April 2024 dwar Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea",
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2024 dwar "Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna",
- Fir-Rapport Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 "Il-futur tal-kompetittività Ewropea",
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE",
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 dwar l-"Unjoni tal-Ħiliet",
- Fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 dwar il-"Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi",
- Fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2025 dwar il-"Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM: ħiliet għall-kompetittività u l-innovazzjoni",
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2025 dwar il-"Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA",
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2025 dwar "L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups – Agħżel l-Ewropa biex tibda jew tespandi negozju",

- Fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-4 ta' Ġunju 2025 dwar "Strategġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni Ewropea",
- Fir-rapport tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2025 "L-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025",
- Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2025 dwar "Strategġija għall-Applikazzjoni tal-IA",
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 Ottubru 2025,

FILWAQT LI JIBNI FUQ

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2024 dwar "Il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE",
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2024 dwar il-White Paper tal-Kummissjoni "Kif Nistgħu Nissodisfaw il-Ħtiġijiet tal-Infrastruttura Diġitali tal-Ewropa?",
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2025 dwar "Konnettività Affidabbli u Reżiljenti",
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2025 dwar "Avvanz fl-Istrategġija Diġitali Internazzjonali".

I. It-tisħiħ tal-Kompetittività Ewropea bid-Deċennju Diġitali bħala boxxla strateġika għal trasformazzjoni diġitali sovrana

1. JISĦAQ li t-tisħiħ tal-kompetittività diġitali globali tal-UE filwaqt li jiġu ssalvagwardati d-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE huwa objettiv strateġiku ewlieni, kruċjali għat-trawwim tal-innovazzjoni, il-produttività, il-benesseri u l-prosperità, it-tkabbir sostenibbli u s-sigurtà ekonomika madwar l-UE.
2. JINNOTA bi tħassib li r-rapport dwar *l-Istat tad-Deċennju Diġitali 2025* u l-valutazzjonijiet tal-pajjiżi jindikaw li l-UE mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq bis-sħiħ il-miri kollha tagħha għall-2030, b'mod partikolari foqasma vitali għall-kompetittività diġitali bħall-adozzjoni tal-IA, id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs u l-ħiliet diġitali. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' inizjattivi u sforzi aċċellerati u allinjati fil-livell tal-UE, nazzjonali u dak reġjonali biex jiġi indirizzat dan in-nuqqas, filwaqt li JISSOTTOLINJA l-importanza li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u ġeopolitiċi, u l-ambjenti teknoloġiċi li qed jinbidlu.
3. ITENNI li l-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali (DDPP) iservi bħala l-boxxla strateġika tal-UE għall-avvanz u l-investment fit-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, it-tisħiħ tas-sovranià diġitali tagħha b'mod miftuħ, it-tisħiħ tal-ekosistema diġitali miftuħa tagħha stess u l-bini ta' kompetittività diġitali fit-tul.

4. JISSOTTOLINJA l-importanza li jinżammu l-ambizzjoni u l-koerenza tad-DDPP, filwaqt li jiġi aġġornat b'mod immirat u bbażat fuq l-evidenza biex jiġu żgurati r-rilevanza u l-effettività kontinwi tiegħu.
5. Bil-prospettiva tar-rieżami li jmiss tal-2026 tad-DDPP, JIRRAKKOMANDA li l-Kummissjoni taħtaf din l-opportunità biex issaħħaħ, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-kompetittività u s-sovranità diġitali tal-UE b'mod sostenibbli u inklużiv, u b'hekk tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-UE.
6. JIRRIKONOXXI li l-kisba tal-miri tad-Deċennju Diġitali għandha tiġi appoġġata minn użu effettiv, koordinat u strateġiku tal-politiki u l-programmi rilevanti tal-UE, kif muri mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) eżistenti, inkluż fost l-oħrajn, il-Politika ta' Koeżjoni, il-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Diġitali (FNE Diġitali).
7. JINNOTA r-rwol prominenti tat-trasformazzjoni diġitali, inkluż id-DDPP, fil-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għall-QFP ta' wara l-2027, b'mod partikolari permezz tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost u l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Regionali.

II. Id-diġitalizzazzjoni, id-data u l-IA bħala muturi ewlenin għall-kompetittività

8. JENFASIZZA r-rwol ċentrali li l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali, ħiliet diġitali u talent jaqdu fit-tiżni tal-kompetittività u s-sovranità diġitali tal-UE, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tifhem, taċċessa, tiżviluppa, timmaniġġa, tiproteġi u tadotta b'mod responsabbli dawn it-teknoloġiji u l-infrastruttura sottostanti tagħhom.
9. JIRRIKONOXXI l-importanza li jiġu kkonsolidati l-aspetti kompetittivi b'saħħithom tal-UE u li jitneħħew l-ostakli mhux neċessarji li fadal fis-suq uniku bħala l-pedament għall-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni, l-iżvilupp u l-adozzjoni diġitali.

10. JISĦAQ li l-IA hija mutur ewlieni tal-produttività, l-innovazzjoni u s-servizzi pubbliċi u privati ta' kwalità madwar l-UE. JILQA' l-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA tal-Kummissjoni bħala pjan direzzjonali ewlieni għat-tmexxija tal-UE fl-IA, u JTENNI l-impenn tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jrawmu b'mod konġunt l-ekosistema Ewropea tal-innovazzjoni fl-IA li tiżgura aċċess għal servizzi u soluzzjonijiet madwar l-UE, inkluż billi jiżviluppaw u jużaw Fabbriki tal-IA, Antenni, Gigafabbriki u Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, u billi jikkultivaw, jattiraw u jżommu t-talent fl-IA. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' implimentazzjoni konsistenti ta' qafas regolatorju li jappoġġa l-innovazzjoni u l-iskalabbiltà fis-suq uniku, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet ta' partijiet terzi, bħad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.
11. IFAKKAR li l-kompetittività diġitali globali, it-trasformazzjoni diġitali u t-tmexxija fil-qasam tal-IA tal-UE jiddependu fuq aċċess strutturat għal data ta' kwalità għolja. F'dan il-kuntest, JISĦAQ li l-importanza ta' standards miftuħa, soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u software b'sors miftuħ, u f'dan il-kuntest, JINNOTA r-rilevanza tal-Istrateġija għal Unjoni Ewropea tad-Data.

III. Qafas regolatorju effettiv, simplifikat u kkoordinat

12. JENFASIZZA l-importanza ta' qafas regolatorju sempliċi, ċar, proporzjonat u prevedibbli għal soċjetajiet diġitali u mmexxija mid-data sabiex jitnaqqsu u jiġu evitati ostakli, kumplessità u spejjeż ta' konformità mhux neċessarji għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs; li jagħti ċertezza, jippermetti l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni inkluż għall-konsumaturi, u jibni l-fiduċja fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda.
13. JINNOTA l-importanza tal-Pakkett Diġitali mill-Kummissjoni, u JIRRIKONOXXI l-ambizzjoni tagħha li tnaqqas il-piżijiet regolatorji mhux meħtieġa, iżżid il-koerenza u tiżgura l-idoneità tal-acquis diġitali tal-UE. JIMPENJA RUĦU li jalloka l-attenzjoni sħiħa tiegħu għall-proposti tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni diġitali bil-ħsieb li jintlaħaq malajr l-oġettiv kondiviż tas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tar-regolamentazzjoni, inkluż l-obbligi ta' rapportar, u l-iffaċilitar ta' amministrazzjoni bla xkiel u infurzar effettiv biex jinkiseb suq uniku kompetittiv, filwaqt li jinżammu l-oġettivi ewlenin tal-acquis diġitali.

14. JIRRAKKOMANDA l-użu sistematiku ta' testijiet tal-istress tal-acquis diġitali b'enfasi qawwija fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni, il-koerenza u l-fattibilità tal-infurzar. F'dan il-kuntest, JISĦAQ fuq l-importanza tal-valutazzjonijiet tal-impatt, it-tfassil tal-politika lest għad-diġitali u l-użu konsistenti mill-Kummissjoni tal-valutazzjonijiet tal-interoperabilità u d-dikjarazzjonijiet diġitali li jirriżultaw, sabiex jiġi kkomunikat b'mod ċar l-impatt diġitali u tiġi appoġġata implimentazzjoni aktar effiċjenti tal-leġislazzjoni l-ġdida tal-UE.
15. JENFASIZZA li t-twettiq tal-ambizzjonijiet diġitali tal-UE jirrikjedi l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni sħaħ u koerenti ta' regoli li għadhom kif ġew adottati, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. JAPPELLA GĦAL djalogu aktar proattiv bejn l-awtoritajiet tal-infurzar rilevanti u l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż permezz ta' forum strutturati ta' kooperazzjoni biex jiġu appoġġati implimentazzjoni u applikazzjoni konsistenti u prevedibbli. Dan jista' jinkiseb permezz ta' gwida konġunta u allinjament aħjar tad-definizzjonijiet, il-korpi ta' governanza u l-oqfsa regolatorji. Il-possibilitajiet għal mudelli ta' superviżjoni u għodod diġitali kondiviżi, inkluż infrastrutturi nazzjonali interoperabbli, jistgħu jiġu esplorati wkoll fejn rilevanti, bl-involviment ta' direzzjoni politika u strateġika mill-Istati Membri.
16. JISĦAQ li l-għodod diġitali, bħall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u l-Kartieri Ewropej tan-Negozju tal-ġejjieni, għandhom jitfasslu tajjeb u jista' jkollhom rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE billi jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u d-disparitajiet reġjonali, u billi jtejbu l-esperjenza tal-utenti inkluż għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. JISĦAQ li dawn l-għodod għandhom jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali komparabbli tal-oġġla livell ta' żvilupp tekniku b'użu ppruvat fl-Istati Membri u permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-każijiet tal-użu meta jkun hemm hteġġa ċara u valur miżjud — b'mod partikolari għall-SMEs — u implimentati b'mod li jrispetta l-infrastrutturi diġitali nazzjonali, is-soluzzjonijiet eżistenti li jiffunzjonaw tajjeb u l-aħjar prattiki u li jiżgura l-interoperabilità. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-għodod diġitali bħala parti mill-isforzi tagħha biex tilħaq il-mira ta' tnaqqis tal-piż ta' 25 % għall-kumpaniji kollha u ta' 35 % għall-SMEs stabbilita fil-Boxxla għall-Kompetittività, u biex timmonitorja u tirrapporta, fejn possibbli, dwar il-kontribut tagħhom għal dan it-tnaqqis.

17. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jimplimentaw u jippromwovu l-adozzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini u r-residenti jkunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi b'mod sikur, affidabbli, fdat u li jippreserva l-privatezza. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi applikat approċċ "kartiera b'mod awtomatiku" fejn u meta jkun xieraq fil-leġislazzjoni tal-ġejjieni kif ukoll f'dik eżistenti tal-UE, bil-ħsieb li tingħata s-setgħa liċ-ċittadini, jiġu ssimplifikati s-soluzzjonijiet diġitali, tiġi evitata l-frammentazzjoni, u tiġi promossa l-interoperabbiltà. F'dan il-kuntest, JAPPELLA GĦAL twettiq sħiħ tal-potenzjal tal-Kartieri Ewropej tan-Negozju tal-ġejjieni, u għall-integrazzjoni tal-użu tal-kartieri kif ukoll tal-Passaport Diġitali tal-Prodotti, il-Fatturazzjoni elettronika u għodod diġitali oħra diġà stabbiliti, biex jiġu ssimplifikati u diġitalizzati l-interazzjonijiet bejn in-negozji u l-gvern, kif ukoll dawk minn negozju għal negozju.
18. Barra minn hekk, JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal valutazzjoni aktar sempliċi u trasparenti tal-progress lejn il-miri u l-oġettivi diġitali tal-UE, u għal ċiklu ta' rapportar aktar strateġiku u mmirat biex tiġi żgurata enfasi aktar b'saħħitha fuq il-valur miżjud tal-politika, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet tar-riżorsi kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fl-Istati Membri. B'mod partikolari, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tnaqqas id-duplikazzjoni fir-rekwiżiti ta' rappurtar kif ukoll tesplora l-possibbiltà li titnaqqas il-frekwenza tal-pubblikazzjoni ta' rapporti sħaħ tal-pajjiżi, inkluż rakkomandazzjonijiet, minħabba li l-effetti ta' politika spiss jieħdu ż-żmien biex jimmaterjalizzaw u jistgħu jiddependu fuq sinerġiji usa'. Dan ma għandux ikun għad-detriment ta' monitoraġġ konsistenti tal-progress.
19. IFAKKAR li l-Bord tad-Deċennju Diġitali huwa maħsub iservi mhux biss bħala forum għall-koordinazzjoni, iżda wkoll jipprovdi kontribut bikri u gwida politika dwar il-politika diġitali fil-livell tal-Unjoni¹. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw dan ir-rwol strateġiku billi jsaħħu l-kapaċità tal-Bord li jappoġġa implimentazzjoni koerenti, irawwem il-koordinazzjoni ma' korpi oħra ta' governanza stabbiliti skont l-acquis diġitali, jiffaċilita t-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki, u jippermetti analiżi konġunta u ttestjar tal-istress tar-regolamentazzjoni.

¹ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2022)7141.

IV. It-trawwim tal-innovazzjoni u l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali

20. JIRRIKONOXXI li l-kompetittività Ewropea fit-tul tiddependi fuq ekonomija diġitali dinamika u mmexxija mill-innovazzjoni, u JISĦAQ, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up, fuq l-importanza li jittejbu l-kondizzjonijiet qafas għall-iżvilupp, l-ittestjar, l-espansjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali sostenibbli fis-setturi kollha.
21. JISSOTTOLINJA li dan jirrikjedi approċċ orjentat lejn il-futur u msejjes fuq l-eċċellenza fir-riċerka, l-aġilità regolatorja, l-aċċess għall-kapital u t-talent, u t-tneħħija ta' ostakli mhux neċessarji għall-esperimentazzjoni, l-innovazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u t-tkabbir. JENFASIZZA l-hteġa li jissaħħaħ b'mod effettiv il-perkors kollu "mir-riċerka sas-suq" għat-teknoloġiji diġitali u li din l-ambizzjoni tiġi riflessa b'mod aktar preċiż fid-DDPP.
22. IĦEĠĠEĠ t-tkomplija tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni inkluż permezz ta' proġetti multinazzjonali u l-akkomunament tar-riżorsi biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni effettiva tad-DDPP.
23. JILQA' l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Applikazzjoni tal-IA u l-approċċ settorjali tagħha biex taċċellera l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-integrazzjoni ta' IA affidabbli fis-setturi ewlenin, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-komunità xjentifika. JISSOTTOLINJA l-importanza li jissaħħu l-opportunitajiet għall-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, inkluż billi jiġu żgurati prevedibbiltà legali, gwida ċara u miżuri ta' appoġġ immirati. JIRRIKONOXXI l-azzjonijiet ewlenin settorjali proposti kif ukoll l-Inizjattiva dwar l-IA Pijuniera u r-reviżjoni tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà.
24. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw l-istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA biex irawmu l-adozzjoni u l-integrazzjoni tal-IA f'setturi strateġiċi biex isaħħu l-kompetittività u s-sovranià diġitali tal-UE u l-ekosistemi diġitali miftuħa tagħha stess. F'dan il-kuntest, JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissoktaw l-isforzi kollettivi, u jikkooperaw, jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki, jiżviluppaw linji gwida u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija permezz tal-Bord tal-IA.

V. It-tishih tas-sovranità diġitali b'mod miftuħ

25. JISSOTTOLINJA l-importanza li jissaħħu s-sovranità diġitali u s-sigurtà ekonomika tal-UE permezz ta' approċċ strateġiku koerenti, kuraġġuż, effettiv, miftuħ, ibbażat fuq ir-riskju u l-evidenza. JISĦAQ li dan jirrikjedi l-mobilizzazzjoni tal-investimenti u l-mitigazzjoni tad-dipendenzi strateġiċi, kif ukoll kooperazzjoni mill-qrib mas-settur kummerċjali, l-investituri, ir-riċerkaturi u s-sħab internazzjonali, inkluż il-mobilizzazzjoni tal-kapital privat u l-ġharfien espert, biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista diġitali diversifikati, siguri, reżiljenti u fdati. JIRRIKONOXXI li t-teknoloġiji diġitali kritiċi, inkluż dawk b'potenzjal ta' użu doppju, sikwit ikunu interdipendenti u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, u li għalhekk huwa meħtieġ approċċ olistiku.
26. JAPPOĠĠA kapaċità u tmexxija akbar tal-UE fl-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali kritiċi. JISĦAQ li s-sovranità diġitali tiddependi bl-istess mod fuq il-kompetittività u suq uniku b'saħħtu u li jiffunzjona tajjeb, b'kompetizzjoni ġusta u effettiva, regoli ċari u favorevoli għall-innovazzjoni u kundizzjonijiet qafas aħjar għat-tekabbir. JISSOTTOLINJA li dan jiddependi fuq kollaborazzjoni, kummerċ u investment globali strateġiċi miftuħa biex jiġu żgurati l-ftuħ u ktajjen tal-provvista diġitali diversifikati, siguri, reżiljenti u affidabbli, permezz ta' sħubijiet internazzjonali msaħħa u kollaborazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi sħab kif ukoll internazzjonali fdati dwar l-innovazzjoni u l-governanza diġitali. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-importanza ta' fehim komuni tal-prinċipji fundamentali tas-sovranità diġitali u l-implikazzjonijiet tagħha għall-kompetittività.
27. IQIS li tali approċċ ibbilanċjat u miftuħ għas-sovranità diġitali jista' jiġi integrat fir-rieżami tad-DDPP. Għal dan l-għan, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra li tirrifletti l-elementi li ġejjin fid-DDPP, b'attenzjoni partikolari għal oqsma diġitali ewlenin bħas-semikondutturi, it-teknoloġiji kwantistiċi, il-cloud, l-IA, iċ-ċibersigurtà u l-konnettività:
- i. l-iffaċilitar tal-aċċess għall-kapaċitajiet tal-infrastruttura diġitali kritika fl-UE u l-iżvilupp tagħhom,
 - ii. it-tisħiħ tat-trasparenza, l-interoperabbiltà u l-kompetizzjoni, filwaqt li jitnaqqsu l-intrappolament tal-klijentela u d-dipendenza fuq fornituri uniċi, inkluż permezz ta' standards miftuħa, soluzzjonijiet b'sors miftuħ u interoperabbli,

- iii. it-tisħiħ tal-aċċess għal ħiliet diġitali avvanzati u l-adozzjoni tagħhom, b'mod partikolari fost in-nisa, biex tiġi żgurata u miżmuma riżerva diversa ta' talenti fl-UE biex jiġu żviluppati, varati u sfruttati teknoloġiji diġitali ewlenin,
- iv. l-appoġġ għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni biex tiżied id-domanda għall-fornituri tal-UE u s-sehem mis-suq tagħhom, u b'hekk jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, inkluż permezz tal-użu mmirat tal-akkwist pubbliku fejn xieraq.

JISSOTTOLINJA li r-rieżami jista' jippreżenta opportunità biex jiġu vvalutati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea b'appoġġ għall-elementi msemmija hawn fuq.

- 28. JENFASIZZA li t-teknoloġiji u l-infrastruttura diġitali sostenibbli jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika tagħna filwaqt li jtejbu wkoll ir-reżiljenza tagħna permezz tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-ilma u r-riżorsi, u JFAKKAR fl-istedina lill-Kummissjoni biex iżid mira relatata ma' tranżizzjoni diġitali aktar ekoloġika u tinċentiva l-użu ta' teknoloġiji sostenibbli innovattivi għall-benefiċċju tal-azzjoni klimatika fir-rieżami tad-DDPP.
- 29. Jistenna B'INTERESS proposta dwar l-Att tal-UE dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA tal-ġejjieni, li għandu l-potenzjal li jsir inizjattiva ewlenija biex jittejjeb l-aċċess għaċ-ċentri tad-data u l-kapaċità tal-cloud fl-UE u jitrawwem xenarju tal-cloud aktar varjat u kompetittiv, inkluż għall-SMEs kemm bħala utenti kif ukoll bħala fornituri. F'dan il-kuntest, JAPPELLA għal kriterji komuni għas-servizzi sovrani tal-cloud, li jippermettu li jiġu indirizzati t-trasparenza tas-suq u r-riskji assoċjati mad-dipendenzi, inkluż l-effetti ekstraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiżi terzi għal każijiet ta' użu kritiku ħafna.

VI. Il-passi li jmiss

30. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa jekk xi wħud mill-miri eżistenti tad-DDPP jirriflettux ir-realtajiet teknoloġiċi, ġeopolitiċi jew tas-suq – bħal fin-nodi periferiċi – u jistgħux jiġu aġġustati, irtirati jew sostitwiti b'miri ġodda, skont id-direzzjoni politika mogħtija f'dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jitqiesu r-rilevanza politika tagħhom, il-fattibbiltà tal-monitoraġġ, id-disponibbiltà tad-data u l-piż amministrattiv ġenerali. JISSOTTOLINJA li kwalunkwe mira ġdida jew riveduta għandha tkun ibbażata fuq perspettiva tal-utent u n-newtralità teknoloġika. JISĦAQ li l-miri għandhom ikunu konkreti u possibbli biex jiġu implimentati b'mod sempliċi, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u trasparenti.
31. Barra minn hekk, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli l-aġenda ambizzjuża tagħha li tissimplifika l-acquis diġitali, filwaqt li tiżgura li l-leġiżlazzjoni l-ġdida kollha, inkluż l-atti ta' implimentazzjoni u delegati, ikunu sempliċi, ċari, proporzjonati, prevedibbli u diġitali b'mod awtomatiku.
32. JISTENNA B'INTERESS it-tkomplija tad-diskussjonijiet fil-Kunsill u fil-Bord tad-Deċennju Diġitali dwar it-tisħiħ tal-kompetittività diġitali tal-UE, fil-qafas tad-Deċennju Diġitali u lil hinn minnu.